# KIF IŻŻOMM KELB OKKUPAT U KUNTENT



TAGĦRIF IPPROVDUT MID-DOGS TRUST

Id-dwejjaq li jħoss kelb meta ma jkollux fiex jedha jistgħu jġibu magħhom kull xorta ta' mġiba problematika u antisoċjali, u dan jinkludi mġiba distruttiva. Il-klieb, eżattament bħall-bnedmin, dejjem ser jippruvaw isibu modi biex iżommu ruħhom okkupati jekk jitħallew waħedhom, b'xejn x'jagħmlu jew mingħajr xejn biex jilagħbu bih.

**Kif tevita li kelb jixba'?**

Huwa fin-natural u l-istint tal-klieb li dawn kapaċi jqattgħu sigħat twal, anke ġranet, iħufu għall-ikel. L-użu ta' ġugarelli interattivi jagħmel lill-klieb kuntenti billi jinkoraġġixxi lill-kelb juża moħħu ħalli b'mod kreattiv isib l-ikel. Hemm bżonn li jiġi vvintat logħob interessanti u pjaċevoli li permezz tiegħu l-kelb irid jaħdem biex jakkwista parti mill-ammont ta' ikel li normalment jiekol tul il-ġurnata. Iżda huwa importanti li ma nagħmlux il-kisba tal-ikel diffiċli wisq, għax kelb bil-ġuħ jista' jsir frustrat u possibilment aggressiv. Il-logħba għandha tagħti lok biex filwaqt li l-kelb jilgħab, ikun hemm ċerta faċilità għalih biex jieħu l-ikel.



**Logħob li tista' tipprova fid-dar jew fil-ġnien tiegħek**

Tista tixtri ġugarelli lesti bhal Kong, Havaball jew Buster Cube. Dawn huma ġugarelli tal-lastiku li jimtlew bl-ikel favorit tal-kelb tiegħek, jew treats, biex dawn jagħtu l-opportunità lill-kelb jaħdem ħalli jkollu aċċess għall- ikel.

Geżwer ftit treats jew ikel interessanti għall-kelb tiegħek f'numru ta' saffi magħmula minn gazzetti u biċċiet ta' drapp. Poġġi kollox ġo kaxxa tal-kartun u ħalli l-kelb jieħu gost jiftaħ it-tgeżwir, saff saff sakemm jasal għall-ikel.

Xbajt issib ħofor fil-ġnien tiegħek? Is-soluzzjoni hija li tibni post iddedikat għall-kelb tiegħek sabiex ikollu fejn jieħu gost iħaffer mingħajr ma jagħmel ħsara. Dan il-post għandu jkun kbir biżżejjed biex tkun tista' taħbi ikel u ġugarelli li l-kelb jieħu gost iħaffer għalihom.

Iċ-"chew toys" jevitaw li l-kelb igerrem affarijiet mid-dar li mhux suppost igerrem. Ikun tajjeb li l-kelb ikollu varjetà ta' ġugarelli differenti biex qatt ma jiddejjaq. Affarijiet li l-kelb m'għandux igerrem għandom jinżammu 'l bogħod minnu.

Iprova l-"clicker training" mal-kelb tiegħek għax dan jinkoraġġixxi lill-kelb jaħseb fuq dak li qiegħed jagħmel. B'dan il-mod inti tista' tgħallmu kull tip ta' logħba. Idħol fis-sit www.dogtrainingmadeeasy.org biex titgħallem aktar dwar il-"clicker training" u kemm dan jista' jkun ta' gost għall-kelb kif ukoll għalik.

Passiġġati barra f'postijiet differenti jgħinu ħafna biex jgħejjew lill-kelb mentalment u fiżikament. Agħti lill-kelb opportunitajiet biex ixammem kemm irid u jiltaqa' ma' klieb oħra ħalli tinkoraġġixxi l-istinti naturali ta' komunikazzjoni u xamm tiegħu.